4) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 522/2013, tas-6 ta' Ġunju 2013, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012, huwa annullat sa fejn dan żamm isem Sorinet Commercial Trust Bankers Ltd fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012.*

5) *L-effetti tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif emendata bid-Deċiżjoni 2013/270, u tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 522/2013, f'dak li jikkonċerna lil Sorinet Commercial Trust Bankers Ltd, huma miżmuma sad-data ta' skadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew, jekk f'dan it-terminu jkun ġie ppreżentat appell, saċ-ċaħda tal-appell.*

6) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn Sorinet Commercial Trust Bankers.*

---

[1] ĠU C 147, 25.05.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2014 – Sharif University of Technology vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-181/13)** [1]

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati kontra l-Iran bil-għan li titwaqqaf il-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar tal-fondi — Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Ammissibbiltà — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni")***

(2014/C 282/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sharif University of Technology (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: M. Happold, barrister)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Piessevaux u M. Bishop, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, tal-21 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 356, p. 71), safejn din tinkludi l-isem tar-rikorrenti fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), kif ukoll, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 356, p. 55), sa fejn dan jinkludi l-isem tar-rikorrenti fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, tal-21 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, hija annullata sa fejn din tinkludi l-isem ta' Sharif University of Technology fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK.*

2) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, huwa annullat sa fejn dan jinkludi l-isem ta' Sharif University of Technology fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010.*

3) *L-effetti tad-Deċiżjoni 2012/829 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1264/2012 għandhom jinżammu fis-seħħ, fir-rigward ta' Sharif University of Technology, għal perijodu ta' xahrejn dekorribbli mill-għoti tas-sentenza odjerna.*

4) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawn sostnuti minn Sharif University of Technology.*

---

([1]) ĠU C 156, 1.6.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 4 ta' Lulju 2014 – Construcción, Promociones e Instalaciones vs UASI – Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales (CPI COPISA INDUSTRIAL)**

**(Kawża T-345/13)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CPI COPISA INDUSTRIAL — Trade mark Spanjola figurattiva preċedenti Cpi construcción promociones e instalaciones, s.a. u isem kummerċjali preċedenti Construcción, Promociones e Instalaciones, S.A.-C.P.I. — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Assenza ta' prova tal-użu fil-kummerċ tal-isem kummerċjali preċedenti"]***

(2014/C 282/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Construcción, Promociones e Instalaciones, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales, SA (L'Hospitalet de Llobregat, Spanja) (rappreżentant: T. González Martínez, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' April 2013 (Każ R 1935/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Construcción, Promociones e Instalaciones, SA, et Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales, SA.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Construcción, Promociones e Instalaciones, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 245, 24.08.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Lulju 2014 – You-View.tv vs UASI – YouView TV (YouView+)**

**(Kawża T-480/13)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali YouView+ — Trade mark Benelux figurattiva preċedenti You View You-View.tv — Produzzjoni tardiva ta' dokumenti — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Kunċett ta' 'dispożizzjoni kuntrarja' — Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95)"]***

(2014/C 282/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* You-View.tv (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentant: S. Criel, avukat)